

## IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tat-2 ta' Lulju 2014 – Psarras vs ENISA**

(Kawża F-63/13) <sup>(1)</sup>

*(Servizz Pubbliku — Membru tal-persunal temporanju — Rexissjoni ta' kuntratt — Artikolu 41(2)(a) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni — Dritt għal smiġh — Dannu morali — Deċiżjoni illegali bħala konsegwenza — Preġudizzju eċċessiv għad-drittijiet ta' terz — Kundanna għad-danni ex officio — Nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' sentenza ta' annullament)*

(2014/C 351/39)

Lingwa tal-kawża: Il-Grieg

### Partijiet

Rikorrent: Aristidis Psarras (Héraklion, il-Ġreċja) (rappreżentant: V. Christianos, avukat)

Konvenuta: L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (rappreżentanti: inizjalment minn M. P. Empadinhas, bħala aġent, sussegwentement minn M. S. Purser, bħala aġent, assistit minn C. Meidanis, avukat)

### Suġġett

Talba għall-annullament, min-naħa, tad-deċiżjoni ta' tkeċċija tar-rikorrent, min-naħa l-oħra, tad-deċiżjoni, meħuda wara sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-Kawża F-118/10, li taħtar uffiċjal ieħor għall-kariga ta' accountant u, fl-aħħar nett, il-kumpens tad-dannu morali subit

### Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tal-4 ta' Settembru 2012 tad-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni li tirrixxindi l-kuntratt ta' membru tal-persunal temporanju A. Psarras hija annullata.
- 2) L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni hija kkundannata tħallas lil A. Psarras is-somma ta' EUR 40 000.
- 3) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 4) L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni għandha tbatl l-ispejjeż tagħha u hija kkundannata tħallas l-ispejjeż sostnuti minn A. Psarras.

<sup>(1)</sup> ĠU C 336, 16.11.2013, p. 31.

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tas-26 ta' Ġunju 2014 – DL vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-13/14) <sup>(1)</sup>

*(Tħassir — Rinunzja għall-atti mir-rikorrenti — Artikolu 89(7) tar-Regoli tal-Proċedura — Ftehim tal-partijiet fuq l-ispejjeż)*

(2014/C 351/40)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrenti: DL (Orp-Jauche, il-Belġju) (rappreżentant: S. Orlandi, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u V. Joris, aġenti)

### **Suġġett**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li tiċħad it-talba għal estensjoni tal-awtorizzazzjoni minn qabel mogħtija għar-rimbors tal-ispejjeż ta' terapija għal logopedija ta' bin ir-rikorrent fil-kuntest tat-trattament tal-marda gravi tiegħu, għas-sena 2012/2013.

### **Dispożittiv**

- 1) *Il-Kawża F-13/14* hija mħassra mir-reġistru tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.
- 2) *DL* u *l-Kummissjoni Ewropea* għandhom ibatu *l-ispejjeż skont il-ftehim tagħhom*.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 102, 7.4.2014, p. 46.

---

### **Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-14 ta' Lulju 2014 – DJ vs EASA**

**(Kawża F-3/14)** <sup>(1)</sup>

(2014/C 351/41)

Lingwa tal-kawża: *l-Ingliż*

Il-President tal-Ewwel Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 85, 22.03.2014, p. 27.

---